# Kalendarju Museumin



63 Editorjal: L-Entużjażmu ta' kuljum

65 Il-kelma tas-Superjur, Superjura Ġenerali

70 Dikjarazzjoni mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta

72 Kultura Museumina:
Fit-3.00 Unjoni u wara passiġġata
Tant benefatturi
U int, x'qed tistenna li tibni?
Is-Soċjetà u l-Knisja

82 Valuri fis-Soċjetà:
L-Intenzjoni retta
L-imħabba lejna il-Madonna

87 Drawwiet tas-Soċjetà:
Laqgħa u pellegrinaġġ iċ-ċimiterju

88 Dun Ġorġ -Saċerdot

92 Daħlu qabilna fl-eternità:
Ġammarì Xuereb
Mary Sammut
Toni Camilleri

94 Riflessjoni:
Ingredjenti għas-suċċess tal-grupp
Kemm hu sew li aħna hawn!
Mulej għallimna nitolbu
Il-valuri ta' l-Evanġelju - għas-Soċji ta' kull żmien

102 Sfond għall-istudju tad-Dokument *Il-Vokazzjoni Museumina*

105 Irtir għax-xahar ta' Marzu

107 Għajnuna għall-Assenjatur

116 Djarju

✝ Verbum Dei caro factum est

Marzu-April 2007




Rivista ta' kull xahrejn
għall-użu privat
tal-membri tas-Soċjetà
tad-Duttrina Nisranija
M.U.S.E.U.M.

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Kummissjoni Assenjatur
Dar Ġenerali,
M.U.S.E.U.M.
Triq is-Salib tal-Marsa,
Blata l-Bajda HMR 03

L-Indirizz tal-Home Page
tal-M.U.S.E.U.M. fuq l-Internet:
http://www.sdcmuseum.org

e-mail: info@sdcmuseum.org

Disinn u Stampar:
Veritas Press, Ħaż-Żabbar

# DUN ĠORĠ - SAĊERDOT

**Diskors li sar minn Fr. Hector Scerri fil-laqgħa ġenerali għaż-żewġ sezzjonijiet tal-MUSEUM, fl-10 ta' Jannar 2007, fis-Seminarju, tal-Virtù, ir-Rabat**

**Mess lili biex naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar** *Dun Ġorġ Saċerdot*. Ngħid għalija, lanqas iddurli faċilment li ngħid *Beatu Ġorġ*. Naraha wisq formali. Nistħajlu jitbissem mis-sema! Kemm hi aktar faċli nsejħulu *Dun Ġorġ*. Naħseb li hu hekk jippreferi. Anke n-nies fit-triq, fil-pjazza, fis-sagristija, fil-ħanut, fil-fabbrika, ġewwa l-isptar, kulmin għandu xi santa tiegħu... kulħadd jgħid *Dun Ġorġ*. Bħal Don Bosco, wara kollox, jew Patri Piju, jew Padre Pro, jew Father Damian, jew Don Orione jew Don Guanella.

L-enfasi huwa fuq *Dun*... jiġifieri fil-ħsieb u fil-qalb ta' kulħadd huwa *saċerdot*. Fuq dan se nitkellem illejla. Se nieqaf fuq erba' punti, ħafif ħafif: (1) Qassis tal-poplu; (2) L-imħabba ta' Dun Ġorġ għall-Knisja; (3) Il-ħeġġa tiegħu għall-Ewkaristija; u (4) Saċerdot-għalliem.

### (1) Qassis tal-Poplu

Fil-veru sens tal-kelma, Dun Ġorġ għex is-saċerdozju f'rabta qawwija mal-poplu. Dan huwa aspett li tant narah jispikka fih. Wieħed minnkom kiteb: "Lil Dun Ġorġ in-nies ħabbitu għax hu kien fehemha. Il-bniedem li jirnexxilu jsolvi l-konflitti interni ta' ġo fih qiegħed f'pożizzjoni li jifhem aħjar il-konflitti ta' l-oħrajn... Il-bniedem li jgawdi personalità sana u (li) aċċetta lilu nnifsu, iwieġeb b'mod realistiku ... (u) jadatta ruħu b'mod flessibbli"[1].



*Fit-tberik ta' l-ewwel ġebla tad-Dar Ġenerali 2 ta' Ottubru 1954*

Dak li huwa għex b'tant intensità ma' Alla mhux biss fit-talb twil u jbaqbaq b'imħabba safja, imma wkoll *f'kull mument tal-ġurnata,* wasslu lin-nies. Mhux bid-daqq tat-trombi. Mhux bl-istorbju. Għexu fil-kuntatt dirett man-nies. Il-kuntatt dirett mhux biss waqt il-qrar jew il-pariri li kien jagħti, imma fl-ordinarjeta' ta' kuljum... fit-triq... nissogra ngħid kullimkien... u ma' kulħadd. Mal-popolin u mhux. *Biż-żmien u bl-esperjenza sar espert ta' l-umanità.*

Fih kienu jaraw il-bniedem t'Alla. Kienu jarawh jew ikellmuh, u jiftakru f'Alla. X'hemm aqwa minn hekk? Ma kellux bżonn jippridkalhom. Biżżejjed jarawh. *Qassis tajjeb biżżejjed tarah.* Iwasslek għand Alla. Jurik Alla min hu.

Qassis tal-poplu għax ma kellux pedestalli, u lanqas qatt riedhom. Qassis tal-poplu għax jitkellem b'mod li jifhmu kulħadd. Kien kapaċi jikkomunika tajjeb ma' kull udjenza li sab quddiemu. Qassis tal-poplu għax l-eżempji li kien jagħti kienu mill-ħajja ta' kuljum. Dak li kien qara u talab fuqu fil-Kelma t'Alla jew minn xi ktieb spiritwali kien jomogħdu tant tajjeb li kien iwasslu b'mod li jsaħħrek. Kien isammarhulek f'moħħok. Kif? *Bil-persważjoni u bis-sempliċità.* It-tagħlima kont toħodha. Anke jekk kien fiha xi ftit imrar, kienet tinżillek ħelu għasel.

L-istudjuż ta' l-Iskrittura, Mons. Pietru Pawl Saydon stqarr li Dun Ġorġ "ma kienx iħabbat rasu bix-xejxi tal-kliem; l-aqwa li l-poplu jifhem, u għalhekk anqas ma kien jintilef fil-għoli tal-għerf tat-teoloġija fejn il-poplu ma jistax jasal... Għalih biżżejjed l-Iskrittura u l-esperjenza tiegħu personali... Il-priedki ta' Dun Ġorġ ma kinux priedki tal-kotba, imma priedki ħerġin mill-qalb, frott tal-persważjoni qawwija ta' dak li jkun qiegħed jgħid. L-antiki kienu jgħidu: Jekk ma tibkix int, kif trid tbikkini? U jekk ma tidħaqx int, kif trid iddaħħak lili? Dun Ġorġ, biex iqanqal lil ħaddieħor, kien l-ewwel jitqanqal hu; biex iġiegħel lil ħaddieħor jemmen, l-ewwel kien jemmen hu"[2].

**(2) L-Imħabba għall-Knisja**

Din tiddi f'Dun Ġorġ. Imħabba vera u sinċiera għall-Knisja. Il-ħolma għalkemm ħolomha hu, mitt sena ilu, kien persważ li kienet ispirata minn Alla. Għalkemm il-proġett welldu hu, u tħabat kemm felaħ għalih flimkien ma' dawk ta' madwaru, *ankrah fil-Knisja.* Għalkemm il-mimmi t'għajnejh, kien distakkat minnu. Il-Knisja u s-superjuri kienu jiġu qabel l-opra li beda. Quddiem l-iskoll il-kbir tal-bidu, jistqarr: "Intom is-superjuri, jiena sudditu tagħkom. Għandi nobdikom". U għalaq kollox. Imma l-Mulej malajr wera x'issarraf l-ubbidjenza.

Studjuż dwar Dun Ġorġ, il-Ġiżwita Edward Farrugia, f'irtir mogħti lis-saċerdoti fl-2005 stqarr hekk: "L-ispiritwalità ta' Dun Ġorġ titlob minn min jimxi fuqha li jipprova jrawwem fih għaqda kbira m'Alla biex ikun miftuħ għat-tnebbiħ ta' l-Ispirtu. Li jagħżlu minn setta, pero', huwa li Dun Ġorġ jisħaq ħafna illi *l-post fejn infittxu dil-għaqda ma' Kristu hija l-Knisja;* jinsisti fuq l-

[2] P.P. Saydon, "Dun Ġorġ: Predikatur Evanġeliku", f'*Il-Beatu Ġorġ Preca ta' Malta. Ħajtu u Għemilu,* 81.

ubbidjenza sħiħa lejn min imexxiha, u *ħidma id f'id* f'kull qasam ta' interess bejn Knisja u Museum"[3].

Dun Ġorġ kien dispost għal kollox. Rispett u ubbidjenza assoluta għall-awtoritajiet tal-Knisja. Fedelta' sħiħa għat-tagħlim tal-Knisja. "Qassis ħanin u fidil", kif tgħid l-Ittra lil-Lhud (2,17), fil-liturġija tal-lum. Ir-rabta tiegħu mal-Knisja hija karatterizzata minn spirtu ta' umilta' u manswetudni. Huwa fil-veru sens tal-kelma, biex nuża kelmtejn ta' teologu kbir tas-seklu li għadda (von Balthasar), *raġel tal-Knisja*. Ħabb il-Knisja. Ta ħajtu għaliha. Ħabbat wiċċu ma' rwiefen, u daq il-mewġ qalil li jibla' l-art. Imma għax ankrat fil-Knisja l-proġett li nieda m'għeriqx. Anzi ffjorixxa u xtered. L-aqwa prova: kliem Ġwanni Pawlu II fuq il-Fosos, "it-tieni missier li nissilkom fil-fidi".

### (3) Il-Ħeġġa tiegħu għall-Ewkaristija

Naħseb li m'hemmx bżonn infakkarkom fil-quddiesa tiegħu u fit-talb tiegħu fit-tul quddiem it-tabernaklu. Dan jafu kulħadd.

Minn fejn kienet ġejja din l-imħabba tbaqbaq għall-Ewkaristija? Dun Ġorġ kien persważ fuq li persważ dwar min kellu f'idejh fuq il-patena... lil min kellu quddiemu fit-tabernaklu. Persważjoni qawwija li tinsab fil-qalba tas-saċerdozju tiegħu. Saċerdot ewkaristiku. Jiġifieri ħajtu mfassla fuq il-quddiesa li kien jiċċelebra ta' kuljum. Ħajtu magħġuna mas-sagrament tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. *L-Ewkaristija kienet ħajtu, u ħajtu saret Ewkaristija.*

Mhux biss persważ...Dun Ġorġ kien jogħxa, jieħu pjaċir fil-veru sens tal-kelma fil-preżenza ta' l-Ewkaristija. Bħalek u bħali meta tiltaqa' ma' persuna għażiża ħafna. Il-ħin ma tarahx għaddej. Trid tibqa' miegħu/magħha. Tkun trid tgħidlu xi ħaġa oħra. Hekk Dun Ġorġ.

Għax ħajtu kienet iffukata fuq ir-rabta li ma tinħallx ma' Ġesù, għax kien letteralment iffissat fuq Ġesù fit-Tabernaklu, sar jixbah lil Dak li kien jadura. Għalhekk m'għandniex għax niskantaw li Dun Ġorġ "kellu qalb umana u ħanina, qalb ta' saċerdot li jaf jagħder u jħenn meta jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-bniedem li żbalja, mal-midneb, ma' min hu batut jew mgħaffeġ taħt il-piżijiet u l-miżerji tal-ħajja"[4]. Tassew wera u għex atteġġjamenti ewkaristiċi!

### (4) Saċerdot-għalliem

Mill-bidunett, Dun Ġorġ għaraf li kien imsejjaħ minn Alla biex jgħallem. Anke qabel ma ġie ordnat saċerdot, għall-ħabta ta' l-1905 kien diġa' ħolom li jwaqqaf struttura ta' djakni permamenti megħjuna minn lajċi bl-iskop li jgħallmu t-tagħlim ta' Kristu. Il-mibki Monsinjur Ġorġ Deguara jikteb hekk: "Għal Dun Ġorġ, it-tagħlim tar-Reliġjon kien l-iskop ta' ħajtu... Kien miġnun wara t-tagħlim. Iqum jew jorqod, moħħu kien il-ħin kollu jtanbar kif se jwassal it-tagħlim tal-fidi liż-żgħar u lill-kbar"[5].

[3] E.G. Farrugia, "Kif Dun Ġorġ kien iħares lejn il-Knisja", Orjentament num.8, Irtir lis-Saċerdoti, Seminarju, Rabat, 3 ta' Frar 2005 (*mhux pubblikat*).

[4] A.G. Vella, "Dun Ġorġ: Qassis", *Kalendarju Museumin: Beatifikazzjoni tal-Fundatur*, 2001, 183.

[5] Ġ. Deguara, "Dun Ġorġ bħala Katekista", f'*Il-Beatu Ġorġ Preca ta' Malta. Ħajtu u Għemilu*, 103.



*"It-tagħlim tar-Reliġjon kien l-iskop ta' ħajtu"*

Mill-ewwel jiem u ġimgħat tas-saċerdozju tiegħu, Dun Ġorġ fehem li kellu jintefa' għat-tagħlim tal-poplu. Dan għamlu b'kull mezz possibbli li kien jeżisti fi żmienu. Kieku llum kien juża mezzi ta' żminijietna... il-mezzi li b'tant għaqal tużaw intom. Kemm jispirana l-eżempju tiegħu! Ma tħarriġx fit-teknika tat-tagħlim jew pedagoġija, imma kien kapaċi jintuwixxi x'hemm f'qalb il-bniedem. U għalhekk seta' jwassallu dak li l-aktar kien jeħtieġ f'sitwazzjoni partikulari.

Inti u tqalleb il-kitbiet tiegħu, tibqa' b'ħalqek miftuħ kif Dun Ġorġ għallem dwar ruxxmata aspetti tal-ħajja nisranija. Aħna lkoll grati għal dan it-teżor... kompendju ta' tagħlim spiritwali bi skop wieħed: biex titħarreġ bħal f'ġinnasju, *training* f'kull ħin biex titqaddes. Dejjem irid jurik xi eżerċizzju ieħor, xi ħaġa oħra. U jtanbar b'kelma faċli. Kelma li ma tinsihiex malajr. Tassew għalliem tajjeb! Kemm għex b'radikalità dawk il-kelmiet li nsibu fir-rit ta' l-Ordinazzjoni tad-djakni, meta l-Isqof jgħid lid-djaknu l-ġdid: "Emmen dak li taqra, għallem dak li temmen u għix dak li tgħallem". Kliem qawwi li jgħodd għalina lkoll hawn preżenti.

Għad fadal ħafna li kellhom ix-xorti jisimgħu lil Dun Ġorġ. Imma anke meta taqra dak li kiteb, kliemu jibqa' bħal nar iħeġġeġ hekk li toħroġ determinat li tħobb aktar lil Alla u titbiegħed aktar mid-dnub[6].

**Konklużjoni**

Dawn il-ħsibijiet huma biss għabra trab. Dwar Dun Ġorġ saċerdot – ħamsa u ħamsin sena u seba' xhur ta' saċerdozju – tista' timla bajja ramel! Nagħlaq billi ngħid li Dun Ġorġ kien *bniedem tal-paradoss*. Tawh ftit xhur ħajja... u għex ħajja saċerdotali twila u mimlija daqs bajda. Ried li ismu jintesa... imma ismu wasal sa truf l-art. Kien mimli bil-Mulej u bil-ħwejjeġ tas-sema... imma fl-istess ħin narawh tallab tas-sema. Saċerdot u vittma. Mitluf f'Alla. Polz wieħed ma' ħutu l-bnedmin. *Dun Ġorġ*... Ħajtu Ewkaristija waħda!

[6] Ara noti ta' Irtir ta' Approfondiment ta' xi Punti ta' l-Ispiritwalità ta' Dun Ġorġ, bla data (2001?).